MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Appell Civili Numru. 4/2012

**JONAPHIN u DANIELA SPITERI**

**Vs**

**PENSIERI**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza ippronunjzata mit-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur imoghtija fis-27 ta' April 2012 fejn gie deciz:-

*"Il-Tribunal,*

*Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-22 t'April 2011 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' erba' mija, erbgha u disghin ewro u erbgha u hamsin centezmi (€494.54), rapprezentanti souveniers tat-tieg illi kienu difettuzi.*

*Is-socjeta' intimate pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba u attendiet ghas-seduta.*

*Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikoreenti li huma l-istess rikorrenti u wara li sema' x-xhieda tas-socjeta intimate li hija rapprezentanta tas-socjeta' intimate, u wara li ha konjizzjoi tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;*

*Ikkunsidra s-segwenti:*

*Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu ordnaw souveniers tat-tieg minghand id-ditta intimate u wara li gew konsenjati, indunaw illi kienu kollha difettuzi. Huma regghu marru ghand l-istess ditta intimate fejn ghazlu souveniers ohra ghat-tieg minflok l-ohrajn, pero' fi ftit zmien wara t-tieg, ir-rikorrenti bdew jircievu lmenti li dawn is-souveniers bdew jinqalghu u jizzarmaw wahidhom u ghalhekk qed jitolbu l-flus lura.*

*Is-socjeta' intimate daparti taghha, qalet illi tmien xhur wara li s-souveniers gew ikkonsenjati, gew infurmati li s-souveniers qed jinkisru wahedhom u li l-probabilta' kien rizultat ta' xi umdita'.*

*It-Tribunal jinnota illi:*

*It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, kif ukoll spezzjoni s-souveniers, jinnota li r-rikorrenti ghandhom ragun stante li dawn is-souveniers m'ghandhomx jinksiru ftit xhur wara li gew moghtija lilhom.*

*Ghal dawn il-motivi:*

*It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-socjeta' intimate thallas l-ammont ta' erba' mitt ewro (€400), bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' intimate".*

Illi l-intimati Romina u Johann Rickard operaturi tal-hanut Pensieri appellaw minn dina id-decizjoni abbazi tas-segwenti aggravvji:

1. in-nullita tas-sentenza appellata billi dina fiha konfuzjoni legali ghaliex saret kundanna fil-konfront tas-socjeta intimata mit-Tribunal meta mill-atti ma jirrizultax illi tezisti xi socjeta kummercjali bl-isem "Pensieri" u kwindi d-decizjoni ma tistax taghmel stat bejn il-partijiet.

2. Id-decizjoni appellata hija difettuza legalment billi tikkostitwixxi kaz ta' arrikkiment indebitu. Dana ghaliex is-*souvenirs* mertu tal-kawza jinsabu f'idejn terzi persuni u qatt ma gew irritornati lill-appellanti. Lanqas ma saret ordni mit-Tribunal illi l-istess jigu irritornati.

3. Id-decizjoni hija ibbazata fuq supposizzjonijiet u mhux fuq fatti ippruvati billi ma saret l-ebda prova illi s-*souvenirs* kollha li gew mibjugha u ikkonsenjati gratilhom il-hsara kif allegat (ghajr ghal tlieta minnhom) iktar u iktar meta l-ilment tressaq tmien xhur wara li saret il-konsenja. Inoltre wara dan iz-zmien dawn is-*souvenirs* kienu f'idejn l-appellati u imbaghad terzi persuni u kwindi barra il-kontroll effettiv ta'l-appellanti u dan ghal tul ta' tmien xhur u kwindi hemm ksur tal-principji ta' gustizzja naturali. Fil-fatt it-Tribunal laqa' in parte it-talba u mhux ghall-ammont kollu mitlub u dan kontra id-dettami tal-ligi.

Illi l-appellati jissollevaw il-pregudizzjali dwar inammissibilita ta'l-appell u dana billi isostnu illi l-bazi tieghu ma jinkwadrax ruhu fid-dettami ta'l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appell huwa imsejjes fuq apprezzament tal-provi u kwindi huwa irritwali.

Illi il-Qorti hija tal-fehma illi qabel kull konsiderazzjoni ohra ghandha titratta dina il-pregudizzjali sollevata mill-appellati billi l-istess tista' tinfluwixxi fuq l-ezitu ta' dana l-appell.

Illi hi ligi esplicita skond l-Artikolu 22 (2) tal-Kapitolu 378 illi appell lil din il-Qorti mid-decizjoni tat-Tribunal jista' isir "(a) fuq kull ħaġa li jkollha x'taqsam mal-ġurisdizzjoni tat-Tribunal, jew (b) fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni, jew (ċ) meta t-Tribunal ikun mar kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella.

Illi minn qari tar-rikors ta'l-appell jirrizulta illi l-appellanti qed jibbazzaw l-appell taghhom mid-decizjoni tat-Tribunal essenzjalment fuq in-nullita tas-sentenza appellata u ukoll fuq il-ksur tal-principji tal-gustizzja naturali. Illi sentenza li studjat *funditus* dana il-principju hija bla dubbju dik fl-ismijiet Mary Zarb vs Emma Azzopardi deciza minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fit-28 ta' Marzu 2007 fejn huma mghallem:

"***Fir-rigward, din il-Qorti, f'sentenzi passati taghha, gja tat indikazzjoni ampja tan-nozzjoni ta' gustizzja naturali u tal-ksur taghha. Hekk, per ezempju, fis-sentenza taghha in re: "Joseph Debono -vs Phonica Systems Ltd", 19 ta' Mejju 2004, issenjalat illi l-principju tal-gustizzja naturali kien komprensiv taz-zewg regoli tradizzjonali "nemo judex in causa propria" u "audi alteram partem". Issoktat tippreciza illi "ma' l-ewwel regola hu allacjat il-principju notorju ta' l-imparzjalita` u allura tan-necessita` li mhux biss issir gustizzja imma anke li jkun jidher manifest li gustizzja qeghda ssir (ara "Avv. Dr. Antonio Caruana -vs- Caterina Gerada", Qorti Kostituzzjonali, 18 ta' Ottubru 1968). Fil-kaz tat-tieni regola din solitament tabbraccja kwalsiasi materja ta' "fair hearing" u tal-principju tal-"equality of arms" ("Antonio Sammut -vs- John Bell McCance", Prim' Awla, Qorti Civili, 29 ta' Mejju 1946). Dan mhux biss pero`. Fi zmenijiet pjuttost recenti gie ulterjorment zviluppat il-principju ta' l-ghoti tar-raguni ossija tal-motivazzjoni adegwata fid-decizjoni ("Alfred Sant nomine -vs- Kummissarju tat-Taxxi Interni", Appell, 4 ta' Marzu 1992.)***

***Ribadit dan, forsi ma jkunx ghal kollox barra minn loku jekk l-Qorti tittanta anke hawn tapprofondixxi din it-tematika, hekk centrali ghall-ammissibilita` ta' l-appell lil din il-Qorti minn decizjonijiet tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi;***

***Apparti r-regola ta' l-imparzjalita`, li dwar il-ksur taghha ma tqanqal ebda aggravju, huwa pacifiku illi r-regola l-ohra suddetta tinkorpora fiha z-zewg ingredjenti ta' "efficiency" u ta' "fairness". Ta' l-ewwel hi marbuta mad-dewmien eccessiv fl-amministrazzjoni tal-gusitizzja (ara, b' ezemplari, "George Xuereb -vs- Registratur tal-Qrati et", Qorti Kostituzzjonali, 8 ta' Novembru 2004), li mhux il-kaz hawnhekk. Tat-tieni, u dak li l-aktar jinteressa l-kaz prezenti, hi kodici ta' procedura korretta u ta' "fair hearing";***

***Essenzjalment, fin-natura multiforma taghha din ta' l-ahhar tassumi dawn l-aspetti:-***

***(1) Id-dover li tinghata lill-partijiet fil-kawza l-opportunita` ragonevoli li jressqu l-provi u jaghmlu ssottomissjonijet taghhom;***

***(2) Id-dritt li s-setgha diskrezzjonali, affidata lil kull qorti jew tribunal, tkun ezercitata in relazzjoni ghall-materja ezaminata u ma tkun awtomatikament imxekkla minn ebda prekoncetti jew affetta minn "bias";***

***(3) Id-dritt li d-decizjoni tkun bazata fuq stharrig probatorju logiku u b' motivazzjoni sobrija li tindika r-ragunijiet ghaliex t-talba jew l-eccezzjonijiet ghaliha jkunu qed jigu milqugha jew michuda. Fi kliem iehor, il-process ghandu jipproduci dik id-decizjoni akkurata li tirrifletti l-verifiki korretti ta' fatt u l-applikazzjoni tal-ligi. Ikollu jinghad bi qbil ma' l-awtur McLaughlin ("The Roles of Administrative Tribunals and Courts in Maintaining the Rule of Law", pagna 187), "only if decisions can be defended rationally with reasons or some imprint of rationality can the Rule of Law survive";***

***Jikkonsegwi minn dak premess illi d-decizjoni tista' tkun soggetta b' success ghal revizjoni jekk jinstab illi t-Tribunal ma jkunx ippresta attenzjoni adegwata lill-meriti tal-kaz, jew fejn l-ezercizzju tal-poter diskrezzjonali jkun ghal kollox nieqes minn raguni jew meta l-konkluzjoni ultimament raggunta tirrizulta illogika.***"

Applikat dan li nghad ghall-kaz in dizamina din il-Qorti tibda biex telimina certi sitwazzjonijiet ta' allegat ksur tal-principju. Ma hemm xejn x' jindika mill-atti li t-Tribunal kien pregudikat favur r-rikorrenti u kontra l-intimati. Lanqas ma jirrizulta mill-verbali tas-seduti li l-appellanti gew b' xi mod prekluzi milli jipproducu l-provi kollha li xtaqu igibu ghall-iskrutinju tat-Tribunal u li iressqu is-sottomissjonijet taghhom. Izda minn ezami tas-sentenza appellata johorgu is-segwenti difetti kemm procedurali kif ukoll sostantivi:

1. Il-kundanna saret di fronte ghas-"socjeta intimata" li ma tirraffigura imkien mill-atti. Dana iwassal, kif gustament jilmentaw l-appellanti fl-ewwel aggravvju minnhom sottomess illi d-decizjoni ma tistax tigi enforzata. Il-hanut "Pensieri" ma ghandu l-ebda personalita guridika, u lanqas ma jirrizulta jekk tezisitix xi socjeta kummercjali b'dana l-isem. Dan ifisser illi d-decide tat-Tribunal jiddifetta proceduralment billi moghtija kontra persuna guridika li ma tezistiex.

2. Sostantivament, imbaghad, il-lezjoni tal-princpju ta' gustizzja naturali jista' jitnissel fejn, ad ezempju bhal f' dan il-kaz, id-decizjoni timporta kundanna ghal danni inkonsistenti ghal kollox mal-provi akkwiziti. Dana qed jinghad ghaliex mill-atti u il-provi kemmxejn skarni jidher illi a konjizzjoni tat-Tribunal ingiebu xi *souvenirs* mill-ammont ta' madwar mija u sittin li gew ordnati u ikkonsenjati. Ma jirrizultax illi l-appellati ressqu xi prova illi il-mistiedna tat-tieg li gew moghtija dawn is-*souvenirs* ilmentaw maghhom b'dan id-difett ghajr ghal dawk li kienu fil-pussess taghhom u tal-genituri. Illi l-uniku seduta li saret quddiem it-Tribunal kienet dik tal-14 ta' Settembru 2011. Mil-verbal jidher illi xehed biss Johan Pickard. Ma jirrizultax illi instemghu xi xhieda ohra jew li gew esebieti xi souvenirs u li l-istess gew ezaminati mit-Tribunal. Kull ma jinsab fl-atti huwa

ritratt b'zewg *souvenirs* allegatment difettuzi. Illi ghalkemm l-atti huma mankanti minn dawn il-fatti li sehhew quddiem it-Tribunal, madanakollu fid-decizjoni hemm imbaghad indikat illi t-Tribunal spezzjona s-*souvenirs* (ma jirrizultax kemm fin-numru u lanqas x'difetti gew riskontrati) meta mill-verbal ta'l-uniku seduta li saret ma jirrizultax illi sar dana l-ezercizzju fil-presenza tal-partijiet u lanqas illi dawk is-*souvenirs* li gew spezzjonati gew esebieti sabiex din il-Qorti tkun f'posizzjoni li taghmel l-iskrutinju taghha. Illi dan kien vitali iktar u iktar ghaliex jidher illi t-Tribunal ibbaza id-decizjoni tieghu principalment fuq dana il-fatt. Huwa biss mid-dicitura tar-rikors ta'l-appell illi johrog illi l-ammont ta' *souvenirs* li kienu ghad-disposizzjoni tat-Tribunal fil-fatt kienu tlieta mill-ammont komplessiv ta' 165 u li abbazi taghhom tikkonsegwi d-decizjoni finali. Finalment id-decizjoni appellata lanqas fiha ir-raguni ta' kif it-Tribunal wasal ghal kundanna ta'l-ammont ta' €400 minflok l-ammont mitlub u cioe' il-motivazzjoni  li wasslet sabiex sar it-tnaqqis meta gie deciz illi s-*souvenirs* kollha kienu difettuzi.

Illi is-sentenza appellata ghalhekk tippekka fuq diversi binarji. Fl-ewwel lok proceduralment billi wasslet ghal kundanna ta' persuna guridika li la tissemma fid-*decide* u fi kwalunkwe kaz hija inezistenti billi l-azzjoni ma gietx proposta kontra socjeta kummercjali, izda kontra hanut bl-isem ta' "Pensieri" li lanqas ghandu personalita guridika skont il-ligi u fit-tieni lok billi l-motivazzjoni ta'l-istess ma hijiex ibbazat fuq l-atti probatorji billi ma jirrizulatx mill-atti illi gew esebieti is-*souvenirs* mertu tal-kaz u lanqas li l-istess gew ezaminati mit-Tribunal. Sostantivament tippekka ukoll billi ma hemm l-ebda ness bejn il-provi prodotti in atti u id-danni likwidati, oltre illi d-decizjoni hija nieqsa mill-motivazzjoni ta' kif it-Tribunal wasal ghall-ammont finalment likwidat.

Ghal dawn il-motivi u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet kollha premessi l-Qorti tiddeciedi billi tannulla s-sentenza appellata u tghaddi sabiex tichad it-talba attrici u dana billi t-talba minnhom imressqa ma gietx sufficjentement ippruvata.

L-ispejjez taz-zewg istanzi ikunu ghak-karigu tal-appellati.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------